# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 1545/2021/1 NC**

**George Mifsud u Anton Mifsud**

**vs.**

**Raymond Vella**

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn 15 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-18 ta' Ottubru 2021 fejn ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimat milli:

*"jkompli jibni jew jagħmel xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjeta' tiegħu 74, Stardust, Triq il-Barth, il-Ħamrun sabiex isir żvilupp biex jikkonverti maisonette eżistenti f'appartament ta' kamra tas-sodda waħda, jibni estensjoni fil-pjan terran, jwaqqa' l-livell tat-tieni sular u taraġ eżistenti, jbiddel is-saqaf fuq il-livell ta' l-ewwel sular, jerġa jibni t-taraġ (inkluż lift) u jibni appartament b'kamra tas-sodda waħda fit-tieni u fit-tielet sular".*

Rat id-Digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 44) fejn il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat notifika tar-Rikors bi żmien għar-Risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021.

Rat ir-Risposta tal-intimat Raymond Vella (*a fol.* 47 *et seq.*) ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2021 fejn l-intimat oppona għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Semgħet, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2021, is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li biex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak, huwa għandu juri s-segwenti:

- li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent ser isofri preġudizzju;

- li r-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

Dawn l-elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak. *In oltre* huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat, il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dak li ngħad hawn fuq huwa ċar u ben stabbilit. Il-Qorti tenfasizza illi kull eżami li tagħmel hi f'dan l-istadju jibqa' limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi l-vertenza fil-mertu tibqa' riżervata għal dik il-Qorti li eventwalment tiġi adita bil-kawża, dejjem jekk tali kawża tiġi ntavolata.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tagħhom ir-rikorrenti, filwaqt li jagħmlu riferenza għall-iżvilupp li qed isir fil-proprjeta' tal-intimat li tinsab f'74, Stardust, Triq Barth, Ħamrun, jisħqu li huma kkonċernati b'tali żvilupp għaliex dawn ser jippreġudikaw u jikkreaw il-problemi (li ġew elenkati fir-Rikors) fil-proprjeta' tagħhom li tinsab f'76, Triq Barth, Ħamrun. Għandu jingħad li l-proprjeta' tar-rikorrenti tinsab sottostanti għal dik tal-intimat.

Illi għalkemm huwa minnu li fi stadju ta' Mandat ta' Inibizzjoni din il-Qorti jeħtieġ li tagħmel biss eżami *prima fac*ie tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti dan ma jfissirx li l-Qorti għandha toqgħod fl-għama sempliċement fuq dak li ddikjaraw ir-rikorrenti mingħajr ebda ombra ta' prova.

Illi huwa minnu li mar-Rikors odjern ġew eżebiti, fost l-oħrajn, numru ta' ritratti u diversi rapporti *ex parte* redatti mill-Perit Claude R. Mallia nkarigat mir-rikorrenti, pero' fl-istess waqt il-Qorti tinnota li r-Risposta tinkludi, fost l-oħrajn, Nota spjegattiva tal-Perit John Attard inkargat mill-intimat u li huwa nkarigat mill-iżvilupp in kwistjoni fejn fiha ndika l-prekawzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu sabiex jiġi assigurat li l-iżvilupp ma jikkawża l-ebda perikolu jew preġudizzju fil-fond tar-rikorrenti.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li mar-Risposta tal-intimat ġie eżebit ukoll dokument rilaxxat fil-5 ta' Awwissu 2020 mill-*Building & Construction Agency* (*a fol.* 94) fejn ingħad is-segwenti:

*"Your submissions to the Building and Construction Agency have been accepted. The works shall be limited solely to the works described in your*

*declarations and approved plans and conditions in the Planning permit."*

Illi jirriżulta li l-arja li ser tiġi żviluppata u li dwarha jinsabu preokkupati r-rikorrenti kienet diġa żviluppata fuq medda ta' żewġ sulari. Dan jidher b'mod ċar f'ritratt li jinsab *a fol.* 19 tal-proċess, liema ritratt ġie anness mar-Rikors promutur. Dan il-fatt waħdu jpoġġi f'dubju dak li jingħad fir-Rikors meta, fost l-oħrajn, jingħad:

*"1. Il-bini fil-pożizzjoni attwali tiegħu ma huwiex fi stat biex jappoġġja kwalunkwe żvilupp ġdid madwar il-viċinanza tiegħu hekk kif qed jintalab. Ir-riperkussjonijiet ta' xogħlijiet intensivi jista' jkollhom effett dissważiv fuq il-proprjeta' tas-Sur George u Anton Mifsud.*

*2. Il-bini in kwistjoni nbena u ġie żviluppat fuq barriera li ma baqgħetx hemm. Għalhekk huma kkonċernati li x-xogħlijiet indikati fl-applikazzjoni ser jikkawżaw tfixkil serju fil-pedamenti tal-proprjeta' ta' Mifsud."*

Illi filwaqt li m'huwiex ikkontestat li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond tagħhom sottostanti għal dak tal-intimat, lanqas ma huwa kkontestat li l-intimat huwa proprjetarju tal-proprjeta' li kien hemm fuqha u li ser isir żvilupp fuqha.

Illi, tenut kont ta' dan kollu li ngħad hawn fuq, jirriżulta li l-ebda jedd ta' proprjeta' tar-rikorrenti mhu ser jiġi mittiefes. Dwar l-element li bin-nuqqas ta' ħruġ tal-mandat in kwistjoni r-rikorrenti ser isofru preġudizzju, il-Qorti tinnota li dan ma jeżistix. Di fatti fi provediment mogħti fis-16 ta' Diċembru 2016 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1710/2016 fl-ismijiet **Mary Grace D'Amato née Micallef vs. Raymond sive Ray u Georgina sive Gina konjuġi Micallef**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet is-segwenti:

> "[i]l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat".

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tagħha tat-18 ta' Ottubru 2021 u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1545/2021/1 fil-konfront tal-intimat.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**